I

(Atti leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) Nru 1214/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Novembru 2011

dwar it-trasport transkonfinali professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) L-introduzzjoni tal-euro żiedet b'mod konsiderevoli l-ħtieġa ta' trasport transkonfinali tal-flus kontanti bit-triq. Fiż-żona tal-euro, il-banek, is-settur tal-bejjiegħa kbar bl-imnut u dawk li jiġġestixxu l-flus kontanti b'mod professjonali għandhom ikunu kapaċi jikkuntrattaw lill-kumpanija tal-flus kontanti fi tranżitu (CIT) li toffri l-aħjar prezz u/jew servizz u li jieħdu vantaġġ mis-servizzi ta' flus kontanti tal-eqreb fergħa tal-bank ċentrali nazzjonali (BĊN) jew ċentru tal-flus kontanti tas-CIT, anki jekk tkun illokalizzata fi Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, numru kbir ta' Stati Membri li għandhom l-euro bħala l-munita tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsejħin "Stati Membri parteċipanti") għamlu, jew jistgħu jkunu jixtiequ li jagħmlu, arranġamenti biex il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro jiġu prodotti barra l-pajjiż. Il-prinċipju nnifsu ta' munità unika jimplika l-ħelsien li l-flus kontanti jiċċaqilqu bejn l-Istati Membri parteċipanti.

(2) Minħabba d-differenzi evidenti bejn il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri, ġeneralment huwa diffiċli ħafna li jitwettaq trasport transkonfinali professjonali ta' tal-euro fi flus kontanti bit-triq bejn l-Istati Membri parteċipanti. Din is-sitwazzjoni hija f'kontradizzjoni mal-prinċipju taċ-ċirkolazzjoni libera tal-euro u hija għad-detriment tal-prinċipju tal-libertà li tipprovdi s-servizzi, li huma fost il-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(3) Dan ir-Regolament huwa t-tweġiba għall-preżentazzjoni potenzjali tal-istrumenti ta' armonizzazzjoni għat-trasport tal-flus kontanti kif imfissra fl-Artikolu 38(b) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern [3].

(4) Sabiex titjieb is-sigurtà tas-CIT kemm għall-persunal tas-sigurtà tas-CIT involut kif ukoll għall-pubbliku, għandu jitħeġġeġ l-użu ta' sistema intelliġenti għan-newtralizzazzjoni tal-karti tal-flus (IBNS) u, wara li l-Kummissjoni twettaq analiżi bir-reqqa tal-impatti potenzjali, għandu jkun hemm il-possibbiltà li tiġi żviluppata, b'mod armonizzat bejn l-Istati Membri parteċipanti, mingħajr preġudizzju għar-regoli stipulati f'dan ir-Regolament dwar il-modalitajiet tat-trasport applikabbli.

(5) Minħabba l-perikli partikolari għas-saħħa u l-ħajja kemm tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT kif ukoll tal-pubbliku ġenerali li huma assoċjati mal-attività tat-trasport tal-flus kontanti, huwa xieraq li t-trasport transkonfinali tal-euro fi flus kontanti jkun soġġett għall-pussess ta' liċenzja speċifika transkonfinali tas-CIT. Il-pussess ta' tali liċenzja għandha tkun apparti l-liċenzja nazzjonali tas-CIT li hija meħtieġa fil-maġġoranza tal-Istati Membri parteċipanti, li l-forma tagħha dan ir-Regolament ma jarmonizzax. Huwa għaldaqstant xieraq li l-kumpaniji tas-CIT stabbiliti f'dawk l-Istati Membri parteċipanti li ma jkollhomx proċedura speċifika ta' approvazzjoni għall-kumpaniji tas-CIT minbarra r-regoli ġenerali tagħhom għas-setturi tas-sigurtà jew tat-trasport, juru livell miminu ta' esperjenza ta' 24 xahar ta' trasport regolari ta' flus kontanti fl-Istat Membru ta' stabbiliment mingħajr ksur tal-liġi nazzjonali qabel ma jingħataw liċenzja transkonfinali tas-CIT minn dak l-Istat Membru. Tali approvazzjoni żżid il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.

[1] ĠU C 278, 15.10.2010, p. 1.

[2] Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Settembru 2011 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2011.

[3] ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

(6) Biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-obligi u l-introduzzjoni ta' proċedura li tkun aktar diffiċli milli hemm bżonn, huwa wkoll xieraq li jiġi previst li detentur ta' liċenzja transkonfinali tas-CIT ma jintalabx li jkollu fil-pussess tiegħu liċenzja Komunitarja għall-ġarr internazzjonali ta' oġġetti bit-triq, kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija ([1]).

(7) It-trasport transkonfinali professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq bejn l-Istati Membri parteċipanti għandu jkun kompletament konformi ma' dan ir-Regolament jew mal-liġi tal-Istat Membru tal-oriġini, tal-Istat Membru ospitanti u, jekk applikabbli, tal-Istat Membru ta' transitu.

(8) Dan ir-Regolament huwa mfassal biex jippermetti t-trasport transkonfinali professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq bejn l-Istati Membri parteċipanti taħt kondizzjonijiet li jiggarantixxu s-sigurtà tat-transazzjoni, is-sikurezza tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT involut u tal-pubbliku u tal-moviment liberu tal-euro fi flus kontanti. B'konformità mal-prattika normali tas-suq, huwa xieraq ukoll li jiġi permess li jiġu ttrasportati fl-istess vettura tas-CIT valur limitat ta' flus kontanti f'muniti oħra minbarra l-euro.

(9) Fid-dawl tar-rekwiżiti speċifiċi li jiffaċċjaw il-ħaddiema transkonfinali fil-qasam tas-CIT, ikun xieraq li dawn isegwu modulu ta' taħriġ transkonfinali speċifiku kif dettaljat fl-Anness VI. Bil-għan li jiġi evitat li jkun hemm dupplikazzjoni bla bżonn, il-modulu ta' taħriġ transkonfinali m'għandux jinkludi l-elementi diġà koperti mit-taħriġ obbligatorju meħtieġ biex titwettaq l-attività CIT domestika.

(10) Minħabba l-kondizzjonijiet speċifiċi tas-settur tas-CIT, huwa diffiċli li torganizza b'mod sikur kunsinni tal-euro fi flus kontanti fuq diversi jiem. Għaldaqstant, huwa xieraq li l-vettura tas-CIT li twettaq it-trasport transkonfinali professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq tirritorna lejn l-Istat Membru tal-oriġini tagħha fl-istess jum.

(11) Il-Kummissjoni għandha tressaq proposta biex temenda d-definizzjoni ta' "binhar" u/jew tat-tul minimu meħtieġ ta' taħriġ inizjali ad hoc stipulat f'dan ir-Regolament fil-każ li l-imsieħba soċjali fil-livell tal-Unjoni jaqblu li hija aktar xierqa definizzjoni oħra.

(12) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009, in-numru ta' operazzjonijiet li jistgħu jitwettqu fl-Istat Membru ospitanti wara li l-ġarr internazzjonali minn Stat Membru ieħor jiġi limitat għal tliet operazzjonijiet ta' kabotaġġ fi żmien sebat ijiem. Madankollu, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tas-CIT, hija prattika normali li vettura tas-CIT twettaq numru ferm akbar ta' kunsinni/ġabriet tal-euro fi flus kontanti kull jum. Għaldaqstant huwa xieraq li ssir deroga mir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 billi ma jkun impost l-ebda limitu fuq l-għadd ta' ġabriet/kunsinni tal-euro fi flus kontanti li vettura tas-CIT tista' twettaq fi Stat Membru ospitanti matul jum wieħed.

(13) Ir-regoli nazzjonali li jirregolaw l-imġiba tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT barra mill-vettura tas-CIT u li jirregolaw is-sigurtà tal-postijiet ta' kunsinna/ġabra tal-euro fi flus kontanti ma għandhiex tkopri l-użu potenzjali ta' sistemi ta' newtralizzazzjoni tal-karti tal-flus f'kombinazzjoni mat-trasport ta' karti tal-flus f'vettura korazzata tas-CIT għal kollox mhux mgħammra bl-IBNS.

(14) L-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi ([2]) jkopri s-sitwazzjonijiet ta' impjiegi meta impriża tipprovdi servizzi transnazzjonali billi taġixxi f'isimha stess u taħt id-direzzjoni tagħha stess skont kuntratt konkluż bejn l-intrapriża u l-parti li għaliha huma maħsuba s-servizzi.

(15) Meta wieħed iqis in-natura speċifika tas-servizzi tat-trasport tas-CIT, hemm il-ħtieġa li tkun prevista applikazzjoni analoga tad-Direttiva 96/71/KE għas-servizzi kollha ta' trasport transkonfinali tal-euro fi flus kontanti sabiex tingħata ċertezza legali għall-operaturi u tkun żgurata l-applikabbiltà prattika tad-Direttiva f'dak is-settur.

(16) Minħabba l-ispeċifiċità tal-attivitajiet tat-trasport ikkonċernat u l-karattru okkażjonali ta' whud minn dawk l-attivitajiet, l-applikazzjoni analoga tar-regoli minimi ta' protezzjoni stipulati fid-Direttiva 96/71/KE għandhom jiġu limitati għar-rati minimi tal-ħlas, inklużi r-rati tas-sahra, kif imsemmija fl-Artikolu 3(1)(c) ta' dik id-Direttiva u dawn għandhom ikunu ggarantiti għat-tul tal-jum tax-xogħol kollu sabiex ma jkunx impost piż amministrattiv mhux meħtieġ fuq l-operaturi. Kif imsemmi fid-Direttiva 96/71/KE, u fil-limiti tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-kunċett tar-rati minimi tal-ħlas huwa definit mil-liġi nazzjonali jew mill-prattika tal-Istat Membru fejn ikun intbagħat il-ħaddiem. Fejn, bħala riżultat ta' kuntratti, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi jew arranġamenti prattiċi, ħaddiem tas-CIT iwettaq trasport transkonfinali għal aktar minn 100 jum tax-xogħol tul sena kalendarja fi Stat Membru ieħor, huwa xieraq li r-regoli minimi ta' protezzjoni stipulati fid-Direttiva 96/71/KE japplikaw mutatis mutandis għal dan il-ħaddiem.

([1]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72.

([2]) ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 05, Volum 02, p. 431).

(17) L-applikazzjoni tar-regoli minimi ta' protezzjoni fl-Istat Membru ospitanti għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tat-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg li jkunu aktar favorevoli għall-ħaddiem skont il-liġi, il-ftehim kollettiv jew il-kuntratt tal-impjieg tal-Istat Membru tal-oriġini tal-ħaddiem.

(18) Bil-għan li jkunu stabbiliti r-regoli minimi ta' protezzjoni rilevanti, huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet dwar kooperazzjoni fl-informazzjoni fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 96/71/KE tapplika mutatis mutandis. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni previsti fid-Direttiva 96/71/KE.

(19) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar kontrolli ta' flus kontanti dħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità [1].

(20) Bil-għan li jitqies il-progress teknoloġiku u standards Ewropej ġodda possibbli, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tar-regoli tekniċi dwar l-istandards fir-rigward tal-IBNS, il-korazzar tal-vetturi tas-CIT, il-ġkieket bulletproof u l-kaxxiforti tal-armi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti u tal-imsieħba soċjali. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(21) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dan l-objettiv, jiġifieri li jkun iffaċilitat it-trasport professjonali tal-euro fi flus kontantio bit-triq bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TAQSIMA 1

REGOLI KOMUNI LI JIRREGOLAW IT-TRASPORT TRANSKONFINALI KOLLU TAL-EUTO FI FLUS KONTANTI BIT-TRIQ

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Stati Membri parteċipanti" tfisser dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro;

(b) "it-trasport transkonfinali tal-euro fi flus kontanti bit-triq" tfisser it-trasport professjonali, jew bi ħlas f'isem partijiet terzi jew imwettqa fi ħdan kumpanija ta' flus kontanti fi tranżitu (minn hawn 'il quddiem imsejħa "…"), b'vettura tas-CIT bit-triq ta' karti tal-flus jew muniti tal-euro minn Stat Membru parteċipanti, biex jiġu fornuti karti tal-flus jew muniti tal-euro lil, jew jinġabru mingħand, post wieħed jew aktar fi Stat Membru parteċipanti wieħed jew aktar, u fl-Istat Membru tal-oriġini - mingħajr preġudizzju għat-trasport ta' mhux aktar minn 20 % ta' flus kontanti li ma jkunux euro bi proporzjon mal-valur totali ta' flus kontanti ttrasportati fl-istess vettura tas-CIT - fejn il-maġġoranza tal-kunsinni/ġabriet tal-euro fi flus kontanti magħmula minn vettura tas-CIT matul l-istess jum jitwettqu fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti jew, fil-każ ta' trasport minn punt sa punt, fejn isir it-trasport bejn żewġ Stati Membri parteċipanti differenti;

(c) "liċenzja tas-CIT transkonfinali" tfisser liċenzja mogħtija mill-awtorità li tagħti l-liċenzji tal-Istat Membru tal-oriġini li tawtorizza lid-detentur li jwettaq it-trasport transkonfinali tal-euro fi flus kontanti bit-triq bejn l-Istati Membri parteċipanti skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(d) "awtorità li tagħti l-liċenzji" tfisser l-awtorità fl-Istat Membru tal-oriġini inkarigata mill-ħruġ tal-liċenzji tas-CIT transkonfinali;

(e) "Stat Membru tal-oriġini" tfisser l-Istat Membru parteċipanti li fit-territorju tiegħu tkun stabbilita l-kumpanija tas-CIT. Il-kumpanija tas-CIT titqies li hija stabbilita jekk tkun fil-fatt qed issegwi attività ekonomika, f'konformità mal-Artikolu 49 TFUE, għal perijodu indefinit, permezz ta' infrastruttura stabbli minn fejn fil-fatt jitwettaq in-negozju tal-forniment tas-servizzi;

(f) "Stat Membru ospitanti" tfisser Stat Membru parteċipanti wieħed jew aktar li fih il-kumpanija tas-CIT tipprovdi s-servizz ta' kunsinna/ġbir tal-euro fi flus kontanti differenti mill-Istat Membru tal-oriġini;

(g) "Stat Membru ta' transitu" tfisser Stat Membru parteċipanti wieħed jew aktar Stati Membri parteċipanti għajr l-Istat Membru tal-oriġini li l-vettura CIT trid tgħaddi minnu sabiex tasal fl-Istat Membru ospitanti jew biex tirritorna lejn l-Istat Membru tal-oriġini;

(h) "binhar" b'referenza għat-trasport tfisser it-trasport imwettaq bejn is-6.00 u l-22.00;

(i) "persunal tas-sigurtà tas-CIT" tfisser l-impjegati mogħtija struzzjonijiet biex isuqu vettura tas-CIT li fiha jinġarru l-euro fi flus kontanti jew biex jipproteġu dak li hemm fiha;

(j) "vettura tas-CIT" tfisser vettura użata għat-trasport professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq;

[1] ĠU L 309, 25.11.2005, p. 9.

(k) "vettura ta' dehra ordinarja" tfisser vettura tas-CIT li jkollha dehra normali u li ma jkollhiex fuqha sinjali distintivi li jindikaw li tappartjeni għal kumpanija tas-CIT jew li tintuża għall-finijiet ta' trasport tal-euro fi flus kontanti;

(l) "trasport minn punt sa punt" tfisser trasport minn post wieħed sikur għal ieħor, mingħajr l-ebda waqfa intermedjarja;

(m) "żona sikurizzata" tfisser punt ta' ġbir ta' kunsinna għall-flus kontanti lokalizzat f'bini u sikurizzat kontra aċċess mhux awtorizzat f'termini ta' tagħmir (sistemi kontra l-intrużjoni) kif ukoll ta' proċeduri ta' aċċess għall-persuni;

(n) "post sikur" tfisser post f'żona sikurizzata, li huwa aċċessibbli għall-vetturi tas-CIT u li fih il-vetturi tas-CIT jistgħu jitgħabbew jew jinħattu b'mod sikur;

(o) "li tinnewtralizza" karta tal-flus tfisser li timmutilaha jew tagħmlilha ħsara permezz ta' tbajja' jew b'mezzi oħra kif speċifikat fl-Anness II;

(p) "sistema intelliġenti għan-newtralizzazzjoni tal-karti tal-flus" jew "IBNS" tfisser sistema li tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-kontenitur tal-karti tal-flus kontinwament jipproteġi l-karti tal-flus permezz ta' sistema ta' newtralizzazzjoni tal-euro fi flus kontanti, minn żona sikurizzata għall-punt tal-kunsinna tal-flus kontanti jew mill-punt ta' ġbir tal-euro fi flus kontanti sa żona sikurizzata;

(ii) il-persunal tas-sigurtà tas-CIT mhuwiex kapaċi jiftaħ il-kontenitur barra l-perijodi tal-ħin u/jew il-postijiet ipprogrammati minn qabel jew li jibdel il-perijodi tal-ħin u/jew il-postijiet ipprogrammati minn qabel meta l-kontenitur jista' jinfetaħ ladarba tkun inbdiet l-operazzjoni tat-trasport tal-euro fi flus kontanti;

(iii) il-kontenitur huwa mgħammar b'mekkaniżmu biex jinnewtralizza b'mod permanenti l-karti tal-flus jekk isir xi tentattiv mhux awtorizzat biex jinfetaħ il-kontenitur, u

(iv) ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness II huma sodisfatti;

(q) "IBNS tarf ma' tarf" tfisser IBNS li hija mgħammra għal użu tarf ma' tarf, jiġifieri l-karti tal-flus jibqgħu inaċċessibbli għall-persunal tas-sigurtà tas-CIT matul il-ħin kollu u huma protetti kontinwament mill-IBNS minn żona sikurizzata għal żona sikurizzata jew, għall-cassettes tal-Automated Teller Machines (ATMs) jew tipi oħrajn ta' dispensers tal-flus kontanti, minn żona sikurizzata sal-parti ta' ġewwa tal-ATM jew tat-tipi l-oħra ta' dispensers tal-flus kontanti;

(r) "A1" u "B1", b'referenza għal-livell ta' ħiliet fil-lingwi jfissru l-livelli stabbiliti mill-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi tal-Kunsill tal-Ewropa, kif imsemmi fl-Anness VII;

(s) "lingwi uffiċjali tal-UE" tfisser il-lingwi msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea [1].

Artikolu 2

Esklużjonijiet

1. It-trasport tal-karti tal-flus u tal-muniti tal-euro għandu jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament meta dan ikun:

(a) imtwettaq f'isem, u bejn, il-Banek Ċentrali Nazzjonali, jew bejn l-istamperiji tal-karti tal-flus u/jew iz-zekek tal-Istati Membri parteċipanti u l-Banek Ċentrali Nazzjonali rilevanti; u

(b) skortat mill-militar jew mill-pulizija.

2. It-trasport esklussiv tal-muniti tal-euro għandu jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament meta dan ikun:

(a) imtwettaq f'isem, u bejn, il-Banek Ċentrali Nazzjonali, jew bejn iz-zekek tal-Istati Membri parteċipanti u l-Banek Ċentrali Nazzjonali rilevanti; u

(b) skortat mill-militar jew mill-pulizija jew minn persunal tas-sigurtà privat f'vetturi separati.

Artikolu 3

Post tal-tluq, dewmien massimu u numru ta' kunsinni/ġabriet tal-flus kontanti tal-euro

1. It-trasport transkonfinali tal-euro fi flus kontanti pprovdut f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitwettaq binhar.

2. Vettura tas-CIT li twettaq trasport transkonfinali tal-euro fi flus kontanti għandha tibda l-vjaġġ mill-Istat Membru tal-oriġini tagħha u għandha tirritorna lura fih fl-istess jum.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, it-trasport minn punt sa punt jista' jitwettaq f'perijodu ta' 24 siegħa, sakemm it-trasport matul il-lejl tal-euro fi flus kontanti jkun diġà permess taħt ir-regoli nazzjonali tal-Istat Membru tal-oriġini, tal-IstatMembru ta' transitu u tal-Istat Membru ospitanti.

4. Permezz ta' deroga mir-Regolament (KE) Nru 1072/2009, ma għandu jkun hemm l-ebda limitu għall-għadd ta' kunsinni/ġabriet tal-euro fi flus kontanti li vettura tas-CIT tista' twettaq f'xi Stat Membru ospitanti jew aktar matul l-istess jum.

Artikolu 4

Liċenzja tas-CIT transkonfinali

1. Kumpanija li tixtieq twettaq trasport transkonfinali tal-euro fi flus kontanti għandha tapplika għal liċenzja tas-CIT transkonfinali mingħand l-awtorità li tagħti l-liċenzji tal-Istat Membru tal-oriġini tagħha.

[1] ĠU 17, 6.10.1958, p. 385.

2. Il-liċenzja tas-CIT transkonfinali għandha tingħata għal perijodu ta' ħames snin mill-awtorità nazzjonali li tagħti l-liċenzji, bil-kondizzjoni li l-kumpanija applikanti tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) tkun approvata biex twettaq it-trasport tas-CIT fl-Istat Membru tal-oriġini tagħha jew, jekk l-Istat Membru ma jkollux proċedura ta' approvazzjoni speċifika għall-kumpaniji tas-CIT minbarra r-regoli ġenerali għas-setturi tas-sigurtà jew tat-trasport, tkun tista' tipprovdi evidenza li kellha negozju regolari ta' trasport ta' flus kontanti għal mill-inqas 24 xahar fl-Istat Membru tal-oriġini tagħha qabel saret l-applikazzjoni minghajr ebda ksur tal-liġi nazzjonali li tirregola tali attivitajiet;

(b) il-maniġers u l-membri tal-bord tagħha ma jkollhomx entrata f'kondotta kriminali u jkunu ta' reputazzjoni tajba u ta' integrità, skont, pereżempju, ir-rekords rilevanti tal-pulizija.

(c) għandha assigurazzjoni valida fuq ir-responsabilità ċivili biex tkopri tal-anqas il-ħsara tat-terza parti kkaġunata lill-ħajja u lill-proprjetà, irrispettivament minn jekk il-flus kontanti ttrasportati humiex assigurati taħtha.

(d) il-kumpanija applikanta, il-persunal tas-sigurtà tas-CIT, il-vetturi u l-proċeduri tas-sigurtà użati fi jew applikati għall-finijiet tat-trasport transkonfinali tal-euro fi flus kontanti jikkonformaw ma' dan ir-Regolament jew, meta espressament imsemmija f'dan ir-Regolament, mal-liġi nazzjonali li tirrelata speċifikament mat-trasport tal-flus kontanti.

3. Il-liċenzja tas-CIT transkonfinali għandha titfassal f'konformità mal-mudell u l-karatteristiċi fiżiċi definiti fl-Anness I. Il-persunal tas-sigurtà tas-CIT f'vetturi tas-CIT involuti fit-trasport transkonfinali professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq għandu, f'kull ħin, ikun jista' juri lill-awtoritajiet ta' spezzjoni l-oriġinal jew kopja ċċertifikata ta' liċenzja tas-CIT transkonfinali valida.

4. Il-liċenzja tas-CIT transkonfinali għandha tippermetti li l-kumpanija twettaq it-trasport transkonfinali tal-flus kontnanti tal-euro skont il-kondizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. B'deroga mir-Regolament (KE) Nru 1072/2009, id-detentur ta' tali liċenzja m'għandux ikun mitlub li jippossjedi liċenzja Komunitarja għall-ġarr internazzjonali ta' oġġetti bit-triq.

Artikolu 5

Persunal tas-sigurtà tas-CIT

1. Il-membri kollha tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ma jkollhomx entrata valida f'kondotta kriminali u jkunu ta' reputazzjoni tajba u ta' integrità, skont, pereżempju, ir-rekords rilevanti tal-pulizija;

(b) ikollhom ċertifikat mediku li jiċċertifika li s-saħħa fiżika u mentali tagħhom hija adegwata għall-kompitu li jridu jwettqu;

(c) ikunu segwew b'suċċess mill-inqas 200 siegħa ta' taħriġ inizjali *ad hoc*, li ma tinkludix kwalunkwe taħriġ fl-użu tal-armi tan-nar.

Ir-rekwiżiti minimi għat-taħriġ inizjali ad hoc imsemmi fil-punt (c) huma stipulati fl-Anness VI. Il-persunal tas-sigurtà tas-CIT għandu jsegwi attivitajiet oħra ta' taħriġ fl-oqsma stipulati fil-punt 3 tal-Anness VI, mill-inqas kull tliet snin.

2. Mill-inqas membru wieħed tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT fil-vettura tas-CIT għandu jkollu ħiliet fil-lingwi mill-inqas tal-livell A1, fil-lingwi użati mill-awtoritajiet lokali u l-popolazzjoni fiż-żoni rilevanti tal-Istat Membru ta' transitu u tal-Istat Membru ospitanti. Barra minn hekk, il-vettura tas-CIT għandha tkun f'kuntatt kostanti bir-radju, permezz taċ-ċentru tal-kontroll tal-kumpanija tas-CIT, b'xi ħadd li għandu ħiliet fil-lingwi mill-inqas tal-livell B1, fil-lingwi użati mill-awtoritajiet lokali u l-popolazzjoni fiż-żoni rilevanti tal-Istat Membru ta' transitu u tal-Istat Membru ospitanti, biex ikun żgurat f'kull ħin li komunikazzjoni effettiva tkun possibbli mal-awtoritajiet nazzjonali.

Artikolu 6

Ġarr ta' armi

1. Il-persunal tas-sigurtà tas-CIT għandu jkun konformi mal-liġi tal-Istat Membru tal-oriġini, tal-Istat Membru ta' transitu u tal-Istat Membru ospitanti fir-rigward tal-ġarr tal-armi u l-kalibru massimu permess.

2. Meta jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru li l-liġi tiegħu ma tippermettix li l-persunal tas-sigurtà tas-CIT ikun armat, kwalunkwe arma fil-pussess tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT għandha titpoġġa f'kaxxaforti tal-armi fil-vettura li tissodisfa l-istandard Ewopew EN 1143-1. Tali armi għandhom jibqgħu mhux aċċessibbli għall-persunal tas-sigurtà tas-CIT tul il-vjaġġ kollu fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. Huma jistgħu jitneħħew mill-kaxxaforti tal-armi meta jkunu deħlin fit-territorju ta' Stat Membru li l-liġi tiegħu tippermetti li l-persunal tas-sigurtà tas-CIT ikun armat u għandhom jitneħħew minnha meta jkunu deħlin fit-territorju ta' Stat Membru li l-liġi tiegħu teħtieġ li l-persunal tas-sigurtà tas-CIT ikun armat. Il-ftuħ tal-kaxxaforti tal-armi għandu jeħtieġ intervent b'distanza miċ-ċentru tal-kontroll tal-vettura tas-CIT u għandu jkun kondizzjonali fuq verifika miċ-ċentru tal-kontroll tal-pożizzjoni ġeografika eżatta tal-vettura.

Ir-rekwiżiti stipulati fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw ukoll jekk it-tip jew il-kalibru tal-arma mhuwiex permess taħt il-liġi tal-Istat Membru ta' transitu jew tal-Istat Membru ospitanti.

3. Meta vettura tas-CIT li l-Istat Membru tal-oriġini tagħha ma jippermettix lill-persunal tas-sigurtà tas-CIT sabiex iġorr l-armi, tidħol fit-territorju ta' Stat Membru li l-liġi tiegħu teħtieġ li persunal tas-CIT jġorr l-armi, il-kumpanija tas-CIT għandha tiżgura li l-persunal tas-CIT abbord ikun ipprovdut bl-armi meħtieġa u li huwa jissodisfa r-rekwiżiti minimi ta' taħriġ tal-Istat Membru ospitanti.

4. Il-persunal tas-sigurtà tas-CIT li jkun armat jew li jivvjaġġja f'vettura tas-CIT li fiha jkun hemm l-armi għandu jkollu liċenzja jew awtorizzazzjoni tal-ġarr tal-armi professjonali maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat Membru ta' transitu u/jew tal-Istat Membru ospitanti, meta dawk l-Istati Membri jippermettu li l-persunal tas-sigurtà tas-CIT ikun armat, u jissodisfa r-rekwiżiti nazzjonali kollha għal dik il-liċenzja jew awtorizzazzjoni tal-ġarr tal-armi professjonali. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu l-liċenzja jew awtorizzazzjoni tal-ġarr tal-armi professjonali tal-Istat Membru l-ieħor.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punt ta' kuntatt ċentrali wieħed fejn il-kumpaniji tas-CIT stabbiliti fi Stati Membri oħra jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet għal liċenzja professjonali jew awtorizzazzjoni tal-ġarr tal-armi professjonali għall-persunal tas-sigurtà tas-CIT tagħhom. L-Istati Membri Federali jistgħu jistabbilixxu punti ta' kuntatt fil-livell tal-Istat. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-applikant bir-riżultat tal-applikazzjoni fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tal-fajl komplut tal-applikazzjoni.

6. Sabiex isir aktar faċli għall-persunal tas-sigurtà tas-CIT li huwa impjegat minn kumpanija stabbilita fi Stat Membru ieħor li jissodisfaw ir-rekwiżiti nazzjonali għall-ksib ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni tal-ġarr tal-armi professjonali, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-validazzjoni ta' taħriġ tal-ġarr tal-armi professjonali ekwivalenti segwit fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit min jimpjega lill-applikant. Jekk dan mhuwiex possibbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-taħriġ meħtieġ għall-ġarr tal-armi professjonali huwa pprovdut fit-territorju tagħhom stess f'lingwa uffiċjali tal-UE li tkun lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit min jimpjega lill-applikant.

Artikolu 7

Tagħmir tal-vettura tas-CIT

1. Il-vetturi tas-CIT użati għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' navigazzjoni globali. Iċ-ċentru tal-kontroll tal-kumpanija tas-CIT għandu jkun kapaċi jillokalizza kontinwament u b'mod preċiż il-vetturi tagħha.

2. Il-vetturi tas-CIT għandhom ikunu mgħammra bl-istrumenti ta' komunikazzjoni xierqa li jippermettu li jsir kuntatt fi kwalunkwe ħin maċ-ċentru tal-kontroll tal-kumpanija tas-CIT li tħaddem il-vetturi u mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Innumri tal-emerġenza għall-kuntatt mal-awtoritajiet tal-pulizija fl-Istat Membru ta' transitu jew fl-Istat Membru ospitanti għandhom ikunu disponibbli fil-vettura.

3. Il-vetturi tas-CIT għandhom ikunu mgħammra b'mod li jippermetti r-reġistrazzjoni tal-ħin u l-post tal-kunsinni/ġabriet kollha tal-euro fi flus kontanti sabiex ikun possibbli li jiġi vverifikat fi kwalunkwe ħin il-proporzjon tal-kunsinni/ġabriet tal-euro fi flus kontanti msemmija fl-Artikolu 1(b).

4. Meta l-vetturi tas-CIT jkunu mgħammra bl-IBNS, l-IBNS użati għandhom ikunu konformi mal-Anness II u għandhom ikunu ġew omologati fi Stat Membru parteċipanti. Fi tweġiba għal talba għal verifika magħmula mill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-oriġini, tal-Istat Membru ospitanti jew tal-Istat Membru ta' transitu, l-intrapriżi li jwettqu trasport transkonfinali tal-euro fi flus kontanti f'vetturi tas-CIT li jużaw l-IBNS għandhom ifornu evidenza bil-miktub tal-approvazzjoni tal-mudell tal-IBNS użat fi żmien 48 siegħa.

Artikolu 8

Rwol tal-forzi tal-pulizija nazzjonali

Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali li jirrikjedu:

(a) li l-operazzjonijiet ta' trasport ta' flus kontanti jiġu nnotifikati lill-pulizija bil-quddiem;

(b) li l-vetturi tas-CIT jkunu mgħammra bi strument li jippermettilhom li jkunu ntraċċati mill-bogħod mill-pulizija;

(c) trasport ta' valur għoli minn punt sa punt ikun skortat mill-pulizija.

Artikolu 9

Regoli biex tkun żgurata s-sigurtà tal-postijiet ta' kunsinna/ġabriet ta' flus kontanti fl-Istat Membru ospitanti

Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali li jirregolaw l-imġiba tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT barra minn vettura tas-CIT u s-sigurtà tal-postijiet fejn flus kontanti jkunu kkunsinnati/miġbura fl-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 10

Tneħħija miċ-ċirkolazzjoni ta' karti tal-flus innewtralizzati

Il-kumpaniji tas-CIT li joperaw taħt dan ir-Regolament għandhom ineħħu miċ-ċirkolazzjoni l-karti tal-flus kollha li setgħu ġew innewtralizzati li huma jiltaqgħu magħhom waqt it-twettiq tal-attivitajiet tagħhom. Huma għandhom jagħtu dawk il-karti tal-flus lill-fergħa xierqa tal-BĊN tal-Istat Membru tal-oriġini tagħhom u jipprovdu dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-kawża u n-natura tan-newtralizzazzjoni. Jekk dawk il-karti tal-flus jinġabru fi Stat Membru ospitanti, il-BĊN tal-Istat Membru ospitanti għandu jkun infurmat mill-BĊN tal-Istat Membru tal-oriġini.

Artikolu 11

Informazzjoni reċiproka

1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni r-regoli msemmija fl-Artikoli 8 u 9 kif ukoll l-informazzjoni li fuqha l-IBNS kienu omologati minnhom u għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla li taffettwa dawk ir-regoli u omologazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk ir-regoli kif ukoll lista ta' IBNS omologati jiġu ppubblikati bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE li jkunu l-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri parteċipanti rilevanti permezz tal-kanali adatti, bil-għan li l-atturi kollha involuti f'attività transkonfinali tas-CIT jiġu informati immedjatament.

2. L-Istati Membri għandhom iżommu reġistru tal-kumpaniji kollha li lilhom ikkunsinnaw liċenzja tas-CIT transkonfinali u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni rigward il-kontenut tiegħu. Huma għandhom jaġġornaw ir-reġistru, inkluż fir-rigward ta' kwalukwe deċiżjoni biex tiġi sospiża jew irtirata liċenzja skont l-Artikolu 22 u għandhom jinformaw minnufih

lill-Kummissjoni dwar dan l-aġġornament. Biex tiffaċilita dan l-iskambju ta' informazzjoni, il-Kummissjoni għandha twaqqaf bażi ta' data dwar il-liċenzji maħruġa, sospiżi jew irtirati, li tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri parteċipanti.

3. Fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(1)(a), l-Istat Membru tal-oriġini għandu jqis sewwa l-informazzjoni rigward il-kondotta kriminali, ir-reputazzjoni u l-integrità tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT li tiġi kkomunikata lilu mill-Istat Membru ospitanti.

4. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti ta' taħriġ speċifiku tagħhom għall-persunal tas-sigurtà tas-CIT fir-rigward tat-taħriġ inizjali ad hoc imsemmi fl-Artikolu 5(1)(c). Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dik l-informazzjoni tkun ippubblikata fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE li jkunu l-lingwi uffi1ċjali tal-Istati Membri parteċipanti rilevanti permezz tal-mezzi xierqa, bil-għan li jiġu mgħarrfa l-atturi kollha involuti fl-attività transkonfinali tas-CIT.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-indirizzi u dettalji oħrajn ta' kuntatt tal-punti ta' kuntatt nazzjonali msemmija fl-Artikolu 6(5) u dwar il-liġi nazzjonali rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li din l-informazzjoni tkun ippubblikata permezz tal-mezzi xierqa, bil-għan li jiġu mgħarrfa l-atturi kollha kinvoluti fl-attività transkonfinali tas-CIT.

6. Fejn Stat Membru jirtira l-liċenzja jew l-awtorizzazzjoni tal-ġarr tal-armi professjonali li kien għadda lil membru tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT ta' kumpanija stabbilita fi Stat Membru ieħor, huwa għandu jinforma b'dan lill-awtorità li tagħti l-liċenzji tal-Istat Membru tal-oriġini.

7. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar l-indirizzi u dettalji oħrajn ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti msemmija fl-Artikolu 12(2). Il-Kummissjoni għandha tiżgura li din l-informazzjoni tkun ippubblikata permezz tal-mezzi xierqa, bil-għan li jiġu mgħarrfa l-atturi kollha involuti fl-attività transkonfinali tas-CIT.

Artikolu 12

Informazzjoni qabel il-bidu ta' trasport transkonfinali

1. Kumpanija li jkollha jew li tkun ippreżentat applikazzjoni għal liċenzja tas-CIT transkonfinali, għandha tinforma lill-awtorità li tagħti l-liċenzji tal-anqas xahrejn qabel ma tibda l-attività transkonfinali tagħha tal-Istati Membri li fihom sejra twettaq it-trasport tas-CIT. L-Istat Membru tal-oriġini għandu sussegwentement jinnotifika minnufih lill-Istati Membri kkonċernati li l-attività transkonfinali ser tibda.

2. Kumpanija li jkollha l-ħsieb li twettaq trasport transkonfinali ta' flus kontanti għandha tipprovdi bil-quddiem lill-awtorità jew awtoritajiet rilevanti indikati mill-Istat Membru ospitanti bl-informazzjoni dwar it-tip jew it-tipi ta' trasport li tkun ser tuża, l-ismijiet tal-persuni li jistgħu jwettqu tali trasport u t-tip ta' armi li jistgħu jġorru.

TAQSIMA 2

REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL KULL TIP TA' TRASPORT

Artikolu 13

Modalitajiet tat-trasport applikabbli

1. F'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport transkonfinali ta' karti tal-euro bit-triq li jsir fit-territorju tiegħu, kull Stat Membru għandu jippermetti:

(a) tal-anqas waħda mill-alternattivi stipulati fl-Artikolu 14, 15, 16, 17 jew 18; u

(b) dawk l-alternattivi stipulati fl-Artikoli 14, 15, 16, 17 jew 18 li huma komparabbli mal-modalitajiet ta' trasport permessi għat-trasport domestiku tas-CIT.

L-Artikolu 17 għandu japplika għall-Istati Membri kollha f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport minn punt għal ieħor.

2. f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport transkonfinali ta' muniti tal-euro bit-triq li jsir fit-territorju tiegħu, kull Stat Membru għandu jippermetti:

(a) tal-anqas waħda mill-alternattivi stipulati fl-Artikolu 19 jew 20; u

(b) dawk l-alternattivi stipulati fl-Artikoli 19 u 20 li huma komparabbli mal-modalitajiet ta' trasport permessi għat-trasport domestiku tas-CIT.

3. It-trasport li jinkludi kemm karti tal-flus kif ukoll muniti għandu jkun kopert mill-modalitajiet ta' trasport għat-trasport transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro.

4. Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 14, 15, 16 u 18, Stat Membru jista' jiddeċiedi li IBNS tarf ma' tarf biss jistgħu jintużaw fit-territorju tiegħu għas-servizz ta' ATMs barra mill-bini jew tipi oħra ta' dispensers tal-flus kontanti esterjuri, bil-kondizzjoni li japplikaw l-istess regoli għat-trasport domestiku tas-CIT.

5. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-modalitajiet ta' trasport li huma applikabbli f'konformità ma' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tippubblika nota korrispondenti ta' tagħrif f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-modalitajiet ta' trasport applikabbli għandhom jieħdu effett xahar wara li jiġi ppubblikat l-avviż. L-Istati Membri partieċipanti għandhom jużaw l-istess proċedura meta modalitajiet ta' trasport ġodda jsiru applikabbli skont dan l-Artikolu.

6. Jekk Stat Membru ospitanti jew Stat Membru ta' transitu jsib li IBNS turi nuqqasijiet serji fir-rigward tal-karatteristiċi tekniċi normalment meħtieġa, jiġifieri, li l-flus kontanti jistgħu jkunu aċċessati mingħajr ma jiskatta l-mekkaniżmu ta' newtralizzazzjoni jew li l-IBNS kienet ġiet immodifikata wara l-omologazzjoni b'tali mod li m'għadhiex tissodisfa l-kriterji tal-omologazzjoni, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru li ħareġ l-omologazzjoni u jista' jitlob li jitwettqu testijiet ġodda fuq dik l-IBNS. Sakemm jaslu r-riżultati ta' dawk it-testijiet ġodda, l-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu b'mod proviżorju l-użu ta' dik l-IBNS fit-territorju tagħhom. Huma għandhom, mingħajr dewmien, jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni u l-Istati Membri parteċipanti l-oħrajn.

Artikolu 14

Trasport ta' karti tal-flus f'vettura tas-CIT mhux korazzata ta' dehra ordinarja mgħammra bl-IBNS

Il-kumpaniji li għandhom liċenzja tas-CIT transkonfinali jistgħu jwettqu trasport transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro bit-triq billi jużaw vettura tas-CIT mhux korazzata mgħammra bl-IBNS, bil-kondizzjoni li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-vettura tkun ta' dehra ordinarja;

(b) ikun hemm tal-anqas żewġ impjegati tas-sigurtà tas-CIT f'kull vettura;

(c) l-ebda wieħed mill-impjegati tas-sigurtà tas-CIT ma jilbes uniformi.

Artikolu 15

Trasport ta' karti tal-flus f'vettura tas-CIT mhux korazzata b'marki ċari li jindikaw li hija mgħammra bl-IBNS

Il-kumpaniji li għandhom liċenzja transkonfinali tas-CIT jistgħu jwettqu trasport transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro bit-triq billi jużaw vettura tas-CIT mhux korazzata mgħammra bl-IBNS, bil-kondizzjoni li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-vettura u l-kontenituri tal-karti tal-flus ikollhom marki ċari ħafna li jindikaw li huma mgħammra bl-IBNS u dawk il-marki jikkorrispondu għall-pittogrammi murija fl-Anness III;

(b) jkun hemm tal-anqas żewġ impjegati tas-sigurtà tas-CIT f'kull vettura.

Artikolu 16

Trasport ta' karti tal-flus f'vettura tas-CIT bil-kabina korazzata mgħammra bl-IBNS

Il-kumpaniji li għandhom liċenzja tas-CIT transkonfinali jistgħu jwettqu trasport transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro bit-triq billi jużaw vettura tas-CIT bil-kabina korazzata mgħammra bl-IBNS, bil-kondizzjoni li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kabina tal-vettura tkun korazzata biex tkun tiflaħ tal-anqas għal sparar minn armi tan-nar f'konformità ma l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Anness V;

(b) il-vettura u l-kontenituri tal-karti tal-flus ikollhom marki ċari ħafna li jindikaw li huma mgħammra bl-IBNS u dawk il-marki jikkorrispondu għall-pittogrammi murija fl-Anness III;

(c) il-kabina tal-vettura tkun mgħammra b'ġakketta bulletproof għal kull membru tal-persunal tal-CIT abbord, li tal-anqas tissodisfa n-norma VPAM klassi 5, NIJ IIIA jew standard ekwivalenti.

(d) jkun hemm tal-anqas żewġ impjegati tas-sigurtà tas-CIT f'kull vettura.

Il-membri tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT jistgħu jilbsu dawn il-ġkieket bulletproof imsemmija fil-punt (c) waqt it-trasport u għandhom jilbsuhom kull darba li jkun meħtieġ skont il-liġi tal-Istat Membru fejn ikunu qegħdin.

Artikolu 17

Trasport ta' karti tal-flus f'vettura tas-CIT kompletament korazzata mhux mgħammra bl-IBNS

Il-kumpaniji li għandhom liċenzja tas-CIT transkonfinali jistgħu jwettqu trasport transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro bit-triq billi jużaw vettura tas-CIT kompletament korazzata mhux mgħammra bl-IBNS, bil-kondizzjoni li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-partijiet tal-vettura fejn ikun preżenti l-persunal tas-sigurtà tas-CIT, ikunu korazzati biex jifilħu tal-anqas għal sparar minn armi tan-nar f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Anness V;

(b) il-kabina tal-vettura tkun mgħammra b'ġakketta bulletproof għal kull membru tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT, li tal-anqas tissodisfa n-norma VPAM klassi 5, NIJ IIIA jew standard ekwivalenti.

(c) ikun hemm tal-anqas tliet impjegati tas-sigurtà tas-CIT f'kull vettura.

Il-membri tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT jistgħu jilbsu l-ġkieket imsemmija fil-punt (b) waqt it-trasport u għandhom jilbsuhom kull darba li jkun meħtieġ skont il-liġi tal-Istat Membru fejn ikunu qegħdin.

Artikolu 18

Trasport ta' karti tal-flus f'vettura tas-CIT kompletament korazzata mgħammra bl-IBNS

Il-kumpaniji li għandhom liċenzja tas-CIT transkonfinali jistgħu jwettqu trasport transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro bit-triq billi jużaw vettura tas-CIT kompletament korazzata mgħammra bl-IBNS f'konformità mal-Artikoli 16(b) u l-Artikolu 17(a) u (b).

Għandu jkun hemm tal-anqas żewġ impjegati tas-sigurtà tas-CIT f'kull vettura.

Artikolu 19

Trasport ta' muniti f'vettura tas-CIT mhux korazzata

Il-kumpaniji li għandhom liċenzja tas-CIT transkonfinali jistgħu jwettqu trasport transkonfinali ta' muniti tal-euro bit-triq billi jużaw vettura tas-CIT mhux korazzata li ġġorr muniti biss, bil-kondizzjoni li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-vettura tkun ta' dehra ordinarja;

(b) ikun hemm ta-anqas żewġ impjegati tas-sigurtà tas-CIT f'kull vettura;

(c) l-ebda wieħed mill-impjegati tas-sigurtà tas-CIT ma jilbes uniformi.

Artikolu 20

Trasport ta' muniti f'vettura tas-CIT bil-kabina korazzata

IL-kumpaniji li għandhom liċenzja tas-CIT transkonfinali jistgħu jwettqu trasport transkonfinali ta' muniti tal-euro bit-triq billi jużaw vettura tas-CIT bil-kabina korazzata li ġġorr muniti biss, bil-kondizzjoni li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kabina tal-vettura tkun korazzata biex tiflaħ tal-anqas għal sparar minn armi tan-nar f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Anness V;

(b) il-vettura jkollha marki ċari ħafna li jindikaw li hija qed iġġorr muniti biss u dawk il-marki jikkorrispondu għall-pittogramma murija fl-Anness IV;

(c) il-kabina tal-vettura tkun mgħammra b'ġakketta bulletproof għal kull membru tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT, li talanqas tissodisfa n-norma VPAM klassi 5, NIJ IIIA jew standard ekwivalenti.

(d) ikun hemm tal-anqas żewġ impjegati tas-sigurtà tas-CIT f'kull vettura.

Il-membri tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT jistgħu jilbsu dawn il-ġkieket bulletproof imsemmija fil-punt (c) waqt it-trasport u għandhom jilbsuhom kull darba li jkun meħtieġ skont il-liġi tal-Istat Membru fejn ikunu qegħdin.

TAQSIMA 3

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 21

Osservanza

Matul il-perijodu ta' validità ta' liċenzja tas-CIT transkonfinali, l-Istati Membri tal-oriġini għandhom jiżguraw li r-regoli stipulati f'dan ir-Regolament jiġu osservati, inkluż permezz ta' spezzjonijiet b'mod fortuwitu mingħajr notifikazzjoni minn qabel lill-kumpanija. Dawn l-ispezzjonijiet jistgħu jitwettqu wkoll mill-Istati Membri ospitanti.

Artikolu 22

Penali

1. Meta l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jsibu li kien hemm ksur ta' wieħed mit-termini li taħthom ingħatat liċenzja tas-CIT transkonfinali, l-awtorità li tagħti l-liċenzji tista' tibgħat twissija lill-kumpanija kkonċernata, timponi multa, tissospendi l-liċenzja għal perijodu li jvarja minn ġimagħtejn għal xahrejn jew tirtira l-liċenzja għal kollox, skont in-natura jew is-severità tal-ksur. L-awtorità li tagħti l-liċenzji tista' wkoll tipprojbixxi lill-kumpanija kkonċernata milli tapplika għal liċenzja ġdida għal perijodu li jista' jkun sa ħames snin.

2. L-Istat Membru ta' transitu jew l-Istat Membru ospitanti għandu jikkomunika kwalunkwe ksur ta' dan ir-Regolament – inkluż ksur tar-regoli nazzjonali msemmija fl-Artikoli 8 u 9 – lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istat Membru tal-oriġini, li għandhom jiddeċiedu fuq penali xierqa. Barra minn hekk, l-Istat Membru ta' transitu jew l-Istat Membru ospitanti jista' jimponi multa fil-każ ta' ksur tar-regoli nazzjonali msemmija fl-Artikoli 8 u 9 jew tal-modalitajiet tat-trasport applikabbli msemmija fl-Artikolu 13. Huwa jista' jipprojbixxi lill-persunal tas-sigurtà tas-CIT li jkun wettaq tali ksur milli jwettaq trasport transkonfinali ta' flus kontanti fit-territorju tiegħu jekk il-ksur jista' jkun imputat lil dan il-persunal.

3. L-Istat Membru ta' transitu jew l-Istat Membru ospitanti jista' jissospendi d-dritt ta' kumpanija tas-CIT li tittrasporta l-euro fi flus kontanti bit-triq fit-territorju tiegħu għal perijodu massimu ta' xahrejn, sakemm tasal id-deċiżjoni tal-awtorità li tagħti l-liċenzji tal-Istat Membru tal-oriġini li għandha tittieħed f'dak l-istess perijodu, meta l-kumpanija tas-CIT:

(a) ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jirrigwardaw in-numru minimu tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT f'kull vettura tas-CIT jew li jirrigwardaw l-armi;

(b) twettaq l-attività ta' trasport tagħha B'mod li jikkostitwixxi periklu għall-ordni pubbliku; jew

(c) tkun ikkommettiet ksur ripetut ta' dan ir-Regolament.

4. L-Istat Membru li ħareġ il-liċenzja jew l-awtorizzazzjoni tal-ġarr tal-armi professjonali jista' jimponi penalitajiet fuq il-persunal tas-sigurtà tas-CIT f'konformità mar-regoli nazzjonali tiegħu fil-każ ta' ksur tal-liġi nazzjonali tiegħu dwar l-armi.

5. Il-penalitajiet għandhom ikunu proporzjonati mas-severità tal-ksur.

Artikolu 23

Miżuri ta' sigurtà ta' emerġenza

1. Stat Membru jista' jiddeċiedi li jintroduċi miżuri ta' sigurtà temporanji li jmorru lil hinn minn dawk previsti f'dan ir-Regolament fil-każ ta' problema urġenti li taffettwa b'mod sinifikanti s-sigurtà tal-operazzjonijiet tas-CIT. Dawn il-miżuri temporanji għandhom jaffettwaw it-trasport tas-CIT kollu fit-territorju nazzjonali kollu jew parti minnu, għandhom japplikaw għal perijodu massimu ta' erba' ġimgħat u għandhom jiġu nnotifikati minnufih lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-pubblikazzjoni rapida tagħhom permezz tal-mezzi x-xierqa.

2. Il-prolongazzjoni tal-miżuri temporanji previsti fil-paragrafu 1 lil hinn minn perijodu ta' erba' ġimgħat għandha tkun soġġetta għall-awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar jekk tagħtix awtorizzazzjoni bil-quddiem fi żmien 72 siegħa mill-wasla tat-talba.

Artikolu 24

Rimunerazzjoni tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT li jwettaq trasport transkonfinali

Il-persunal tas-sigurtà tas-CIT li jwettaq trasport transkonfinali f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jkun iggarantit ir-rati minimi tal-ħlas rilevanti, inklużi r-rati tas-saħra, fl-Istat Membru ospitanti f'konformità mal-Artikolu 3(1)(c) tad-Direttiva 96/71/KE. Jekk ir-rati minimi tal-ħlas rilevanti fl-Istat Membru ospitanti huma ogħla mill-paga mħallsa lill-impjegat fl-Istat Membru tal-oriġini, ir-rati minimi tal-ħlas rilevanti, inklużi r-rati tas-saħra, tal-Istat Membru ospitanti għandhom japplikaw għall-jum kollu tax-xogħol. Jekk matul l-istess jum it-trasport jitwettaq f'aktar minn Stat Membru ospitanti wieħed u aktar minn wieħed minn dawk l-Istati Membri jkollu rata minima tal-ħlas ogħla mill-paga mħallsa fl-Istat Membru tal-oriġini, l-ogħla waħda minn dawk ir-rati minimi tal-ħlas, inklużi r-rati tas-saħra, għandha tapplika għall-jum kollu tax-xogħol.

Madankollu, jekk bħala riżultat ta' kuntratti, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti jew arranġamenti prattiċi, ħaddiem tas-CIT iwettaq trasport transkonfinali għal aktar minn 100 jum tax-xogħol, li jseħħu kompletament jew parzjalment f'sena kalendarja fi Stat Membru ieħor, it-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg imsemmija fid-Direttiva 96/71/KE għandhom jiġu applikati b'mod sħiħ għall-jiem tax-xogħol kollha li twettqu kompletament jew parzjalment f'dak l-Istat Membru ospitanti f'dik is-sena kalendarja.

Bil-għan li jkunu stabbiliti t-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg rilevanti, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 96/71/KE għandu japplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 25

Kumitat dwar it-trasport transkonfinali tal-euro fi flus kontanti

1. Għandu jkun stabbilit Kumitat dwar it-trasport transkonfinali tal-euro fi flus kontanti. Għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni u jiġbor fih żewġ rappreżentanti minn kull Stat Membru parteċipanti, flimkien ma' żewġ rappreżentanti mill-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Il-Kumitat għandu jiltaqa' tal-anqas darba fis-sena għal skambju ta' fehmiet dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, huwa għandu jikkonsulta mal-partijiet interessati fis-settur, inklużi l-imsieħba soċjali, u jqis il-fehmiet tagħhom kif jixraq. Huwa għandu jkun ikkonsultat fit-tħejjija tar-reviżjoni msemmija fl-Artikolu 26.

Artikolu 26

Reviżjoni

Sal-1 ta' Diċembru 2016 u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, hija għandha tikkonsulta mal-partijiet interessati fis-settur inklużi l-imsieħba soċjali u wara mal-Istati Membri. Ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jeżamina l-possibbiltà li jkunu stabbiliti rekwiżiti komuni tat-taħriġ għall-ġarr tal-armi mill-persunal tas-sigurtà tas-CIT u li jiġi emendat l-Artikolu 24 fid-dawl tad-Direttiva 96/71/KE, iqis sewwa l-progress teknoloġiku fil-qasam tal-IBNS, iqis il-valur miżjud li jista' jġib miegħu l-għoti ta' liċenzji tal-Unjoni għas-CIT għal gruppi, u jevalwa jekk dan ir-Regolament ikunx jeħtieġ li jiġi rivedut b'konsegwenza.

Artikolu 27

Emendar tar-regoli tekniċi

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 28 fir-rigward ta' emendi għall-Anness II u għar-regoli tekniċi dwar l-istandards applikabbli għall-korazzar tal-vetturi tas-CIT u għall-ġkieket bulletproof imsemmija fl-Artikoli 16, 17, 18 u 20, u għall-kaxxiforti tal-armi, imsemmija fl-Artikolu 6(2), bil-għan li jitqies il-progress teknoloġiku u standards Ewropej ġodda potenzjali.

Artikolu 28

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati hija konferita lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 27 għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni għal perijodu mhux determinat ta' żmien mit-30 ta' Novembru 2012.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 27 tista' tkun revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata fiha. Din għandha tieħu effett fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 27 jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijoduta' tliet xhur min-notifika tal-imsemmi att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jagħlaq dak il-perijodużmien, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn għarrfu lill-Kummissjoni li huma ma kinux ser joġġezzjonaw. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dak il-perijodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur.

Artikolu 29

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ 12-il xahar wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, is-16 ta' Novembru 2011.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BUZEK	W. SZCZUKA

ANNESS I

MUDELL GĦAL LIĊENZJA TRANSKONFINALI TAS-CIT

L-UNJONI EWROPEA

(Kulur Pantone roża 176, daqs DIN A4 karta ċellulosa 100 g/m^2 jew aktar)

(L-ewwel paġna tal-liċenzja)

(Test fil-lingwa uffiċjali tal-UE jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE li tkun/ikunu lingwa/i uffiċjali tal-Istat Membru li qed joħroġ il-liċenzja)

Sinjal distintiv tal-Istat Membru li qed joħroġ il-liċenzja ([1])	Isem l-awtorità li toħroġ il-liċenzja

LIĊENZJA Nru

(jew)

KOPJA AWTENTIKATA Nru

għat-trasport transkonfinali professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq

Din il-liċenzja tintitola lil ([2]) .....
.....
.....

li jkun involut fit-trasport transkonfinali professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq, għal vjaġġi jew partijiet minn vjaġġi mwettqa fit-territorju tal-Unjoni, kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 1214/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar it-trasport transkonfinali professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro ([3]) u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru .../2011 ta' ... rigward l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1214/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u f'konformità mad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' din il-liċenzja.

Rimarki partikolari:	
.....	
Din il-liċenzja hija valida għal perijodu ta' ħames snin, minn.....	sa .....
Maħruġa fi.....,	nhar .....
..... ([5])	

([1]) Il-marki distintivi tal-Istat Membri huma: (BE) Belġju, (BG) Bulgarija, (CZ) Repubblika Ċeka, (DK) Danimarka, (DE) Ġermanja, (EE) Estonja, (IE) Irlanda, (EL) Greċja, (ES) Spanja, (FR) Franza, (IT) Italja, (CY) Ċipru, (LV) Latvja, (LT) Litwanja, (LU) Lussemburgu, (HU) Ungerija, (MT) Malta, (NL) Pajjiżi l-Baxxi, (AT) l-Awstrija, (PL) il-Polonja, (PT) il-Portugall, (RO) ir-Rumanija, (SI) is-Slovenja, (SK) Slovakkja, (FI) Finlandja, (SE) Svezja, (UK) Renju Unit

([2]) L-isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz sħiħ tal-kumpanija tat-transitu ta' flus kontanti.

([3]) ĠU L 316, 29.11.2011, p. 1.

([4]) Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

([5]) Il-firma u t-timbru tal-awtorità li qed toħroġ il-liċenzja.

(It-tieni paġna tal-liċenzja)

(Test fil-lingwa uffiċjali tal-UE jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali li tkun/ikunu lingwa/i uffiċjali tal-Istat Membru li qed joħroġ il-liċenzja)

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Din il-liċenzja qed tinħareġ taħt ir-Regolament (UE) Nru 1214/2011.

Hija tintitola lid-detentur li jkun involut fit-trasport transkonfinali professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 1214/2011, għal vjaġġi jew partijiet minn vjaġġi mwettqa fit-territorju tal-Istati Membri koperti mir-Regolament (UE) Nru 1214/2011 u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'din il-liċenzja.

Din il-liċenzja hija valida għad-detentur biss u mhijiex trasferibbli.

L-oriġinal ta' din il-liċenzja jrid jinżamm mill-kumpanija tat-transitu ta' flus kontanti.

Kopja ċċertifikata ta' din il-liċenzja trid tinżamm fil-vettura tat-transitu ta' flus kontanti.

L-oriġinal jew kopja ċċertifikata tal-liċenzja għandhom jiġu ppreżentati meta jiġu mitlubin minn kwalunkwe uffiċjal awtorizzat li jispezzjona.

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1214/2011, id-detentur irid jissodisfa l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ fit-territorju ta' kull Stat Membru, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasport u t-traffiku.

ANNESS II

SISTEMA INTELLIĠENTI GĦAN-NEWTRALIZZAZZJONI TAL-KARTI TAL-FLUS (IBNS)

I. **Definizzjonijiet u dispożizzjonijiet ġenerali**

IBNS jista' jkun fiha karti tal-flus (f'pakketti jew mhux f'pakketti) jew cassette jew diversi casettes għall-ATMs jew għal tipi oħrajn ta' dispensers tal-flus kontanti.

IBNS trid tkun ġiet omologata fi Stat Membru parteċipanti sabiex tintuża għat-trasport transkonfinali tal-euro fi flus kontanti taħt dan ir-Regolament. L-omologazzjoni trid issir skont standard speċifiku Ewropew eżistenti. Sakemm ma jkunx hemm tali standard, l-omologazzjoni trid issir f'konformità ma' dan l-Anness.

II. **Proċedura ta' approvazzjoni tal-IBNS**

(a) Sabiex tkun omologata, l-IBNS trid tgħaddi minn diversi testijiet f'laboratorju tat-testijiet li jkun ġie approvat jew irrikonoxxut minn Stat Membru parteċipanti. Barra minn hekk, hija trid tkun akkumpanjata wkoll minn istruzzjonijiet għall-użu tagħha, li jindikaw il-proċeduri għat-tħaddim u l-kondizzjonijiet li jiżguraw l-effettività tal-qirda jew in-newtralizzazzjoni tal-karti tal-flus.

Dawn it-testijiet iridu jagħmluha possibbli li jkun aċċertat li l-karatteristiċi tekniċi li ġejjin tal-IBNS huma sodisfaċenti:

(i) Funzjonijiet ewlenin meħtieġa tas-sistema ta' monitoraġġ

— li tissorvelja b'mod permanenti u tirrekordja l-istruzzjonijiet rigward il-kondizzjonijiet għall-aċċess għal u l-użu tal-IBNS;

— li tivverifika kontinwament il-konformità ma' dawn l-istruzzjonijiet u tidentifika sitwazzjonijiet anomali;

— li tinnewtralizza awtomatikament u minnufih il-karti tal-flus fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-istruzzjonijiet, id-detezzjoni ta' sitwazzjonijiet anomali jew il-ftuħ ta' kontejner barra l-perijodi taż-żmien u/jew il-postijiet ipprogrammati minn qabel.

(ii) Post fejn is-sistema ta' sorveljanza tista' tiġi pprogrammata u l-influwenza tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT fuq kif taħdem l-IBNS

IBNS trid tkun ipprogrammata f'żona sikurizzata biss. IBNS tarf sa tarf trid tkun ipprogrammata f'post sikur biss.

Il-persunal tas-sigurtà tas-CIT ma jridx ikollu xi mezz biex jinfluwenza t-tħaddim tal-IBNS barra mill-perijodi tal-ħin u/jew il-postijiet ipprogrammati minn qabel. Madankollu, meta jkun hemm sistema ta' dewmien fil-ħin għall-iskattar tan-newtralizzazzjoni, il-persunal tas-sigurtà tas-CIT jista' jerġa' jibda d-dewmien fil-ħin darba.

(iii) Post minn fejn tista' tinfetaħ l-IBNS (għal sistemi tarf sa tarf)

L-IBNS trid tinfetaħ biss fid-destinazzjonijiet ipprogrammati minn qabel.

(b) L-IBNS trid tkun ittestjata mill-ġdid kull ħames snin, anki meta l-approvazzjoni nazzjonali tinħareġ għal perijodu mingħajr limiti. Jekk it-testijiet il-ġodda ma jkunux konklussivi, l-omologazzjoni ma tibqax valida għat-trasport transkonfinali taħt dan ir-Regolament.

(c) Sabiex it-testijiet ikunu pożittivi, mat-twettiq tat-testijietirid jinkiseb wieħed mir-riżultati li ġejjin:

— ma kienx possibbli li jinkiseb aċċess għall-karti tal-flus u ma kienx hemm ħsara fl-IBNS, li l-mekkaniżmu tagħha baqa' jaħdem; jew

— saret ħsara fl-IBNS iżda ma kienx possibbli li jinkiseb aċċess għall-karti tal-flus mingħajr ma tiskatta s-sistema tan-newtralizzazzjoni.

III. **Proċeduri tal-ittestjar**

Il-metodu użat biex jitwettqu t-testijiet u l-istandards li jistabbilixxu r-riżultat li s-sistema ttestjata trid tissodisfa, huma stabbiliti f'dan l-Anness. Madankollu, jistgħu jsiru aġġustamenti fil-livell nazzjonali sabiex isiru konformi mal-protokolli eżistenti tal-ittestjar segwiti mil-laboratorji f'kull Stat Membru. Sabiex l-IBNS tiġi omologata, il-manifattur tal-IBNS irid jiżgura li r-riżultati tal-proċeduri tat-testijiet f'dan l-Anness jiġu trażmessi lill-awtorità ta' omologazzjoni.

(a) Test tar-reżistenza tal-IBNS għal xenarji differenti ta' attakk

L-Istati Membri jridu jwettqu sitta mit-testijiet ta' simulazzjoni ta' xenarji ta' attakk, waqt li t-testijiet l-oħrajn jistgħu jitwettqu wkoll f'konformità mar-regoli nazzjonali applikabbli.

Għal kull test li jitwettaq, ir-riżultat irid ikun pożittiv skont it-tifsira tal-punt II(c).

— testijiet mandatorji:

1. qtugħ tal-provvista tal-enerġija;
2. żgass fil-kontenitur;
3. ftuħ tal-kontenitur b'mezzi distruttivi (eż. mazza kbira);
4. qtugħ rapidu ("giljottinar");
5. immersjoni f'likwidu;
6. espożizzjoni gradwali u immedjata għal temperaturi estremi (sħana u kesħa): eż. tkessiħ fin-nitroġenu likwidu u tisħin f'forn imsaħħan minn qabel.

— testijiet irrakkomandati li jistgħu jitwettqu wkoll:

7. reżistenza għall-armi tan-nar (eż. bi skratać 12-bore);
8. użu ta' kimiċi;
9. tfigħ mill-għoli;
10. espożizzjoni għal żidiet elettromanjetiċi sinifikanti;
11. espożizzjoni għal żidiet elettrostatiċi sinifikanti.

(b) Effikaċja fin-newtralizzazzjoni tal-karti tal-flus

Il-proċessi ta' newtralizzazzjoni użati attwalment huma t-titbigħ, il-qerda kimika u l-qerda piroteknika. Billi jistgħu jseħħu żviluppi teknoloġiċi, il-lista ta' proċessi użati mhijiex kompluta u hija purament indikattiva.

B'segwitu għal kwalunkwe tentattiv ta' aċċess għall-fondi permezz tad-diversi forom ta' attakk, il-karti tal-flus jridu jew jinqerdu jew jittebbgħu. Iridu jitwettqu mill-inqas tliet testijiet.

100 % tal-karti tal-flus jridu jiġu nnewtralizzati b'mod irriversibbli. Barra minn hekk, trid tkun evidenti għal kwalunkwe detentur tal-karti tal-flus li huma kienu ġew soġġetti għan-newtralizzazzjoni.

Mill-inqas 10 % tal-wiċċ taż-żewġ naħat ta' kull karta tal-flus irid jittebba' jekk il-karti tal-flus ikunu f'boroż sikuri. Jekk il-karti tal-flus ma jkunux f'boroż sikuri, tal-anqas 20 % tal-wiċċ taż-żewġ naħat ta' kull karta tal-flus jrid jittebba'. Fir-rigward tas-sistemi ta' qerda, tal-anqas 20 % tal-wiċċ ta' kull karta tal-flus jrid jinqered fiż-żewġ każijiet.

(c) Kontenut tat-testijiet rigward ir-reżistenza tal-karti tal-flus għat-tindif – għall-IBNS li jużaw it-titbigħ

Għal tali "tindif", iridu jintużaw prodotti differenti jew kombinazzjonijiet ta' prodotti differenti. Iridu jitfasslu xenarji differenti sabiex ikunu varjati t-temperatura u t-tul tal-ħin tat-tindif. Għal dawn it-testijiet tat-tindif għandhom jintużaw żewġ proċeduri:

— it-tindif irid jitwettaq minnufih wara t-titbigħ; u

— it-tindif irid jitwettaq 24 siegħa wara t-titbigħ.

Dawn it-testijiet iridu jitwettqu fuq kampjun rappreżentattiv ta' karti tal-flus veri użati fiż-żona tal-euro.

Wieħed mir-riżultati li ġejjin irid jinkiseb fi tmiem dawn it-testijiet:

— it-tindif iwassal għall-qerda tal-karti tal-flus;

— it-tindif iħalli linka viżibbli fuq firxa ta' mill-inqas 10 % tal-wiċċ tal-karti tal-flus individwali kollha (test tad-densità tal-linka użata);

— it-tindif iwassal għat-tħassir kemm tal-kuluri oriġinali tal-karti tal-flus kif ukoll tal-karatteristiċi ta' sigurtà tagħhom.

IV. **Garanziji tas-sikurezza għas-sistemi użati**

Is-sustanzi kimiċi rilaxxati mill-IBNS sabiex jinnewtralizzaw il-karti tal-flus jistgħu jkunu soġġetti għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi [1]. Dak ir-Regolament jindirizza r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent tas-sustanzi manifatturati, importati jew użati waħedhom, f'taħlita, jew f'oġġett.

Sabiex l-IBNS tkun omologata, il-manifattur irid jivverifika jekk għandux jirreġistra jew jinnotifika s-sustanzi li hemm fil-prodotti tiegħu jew għandux jikkomunika l-informazzjoni dwar użu sikur lill-klijenti tiegħu. Il-manifattur jista' jkollu wkoll obbligi legali li jirriżultaw mill-inklużjoni ta' dawn is-sustanzi fil-lista kandidata ta' sustanzi ta' tħassib kbir ħafna jew fil-lista ta' sustanzi soġġetti għall-awtorizzazzjoni stipulata fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Dawn l-obbligi jirreferu mhux biss għas-sustanzi elenkati waħedhom jew f'taħlitiet, iżda wkoll għall-preżenza tagħhom f'oġġetti.

Irid ikun fornut ċertifikat lill-awtorità tal-omologazzjoni tal-Istat Membru mill-manifattur tal-IBNS, li jinkludi r-riżultati ta' din il-verifika u li jelenka s-sustanzi jew l-elementi użati biex tkun żgurata l-qerda jew in-newtralizzazzjoni tal-karti tal-flus u li jafferma li dawn ma jikkostitwixxux riskju gravi għas-saħħa fil-każ ta' inalazzjoni minn jew kuntatt mal-ġilda tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT jew tal-persunal tal-Banek Ċentrali Nazzjonali. Iċ-ċertifikat irid, barra minn hekk, jindika l-miżuri ta' prekawzjoni li possibilment għandhom jittieħdu. L-awtorità ta' omologazzjoni trid tittrażmetti ċ-ċertifikat lill-Banek Ċentrali Nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti fir-rigward tal-IBNS omologati minnha.

F'dan ir-rigward, iċ-ċertifikat jista' jinkludi analiżi tar-riskji ta' espożizzjoni għall-kimiċi, jiġifieri t-tul ta' żmien massimu permissibbli ta' espożizzjoni għal kwantità li trid tiġi stabbilita.

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

ANNESS III

PITTOGRAMMI TAL-IBNS

Pittogramma għall-vetturi tas-CIT mgħammra bl-IBNS



Pittogramma għal kontenitur tal-karti tal-flus mgħammar bl-IBNS



ANNESS IV

PITTOGRAMMA GĦALL-VETTURI TAS-CIT LI JĠORRU ESKLUSSIVAMENT MUNITI



ANNESS V

SPEĊIFIKAZZJONIJIET GĦALL-KORAZZAR

Ir-rekwiżit minimu għall-korazzar imsemmi fit-Taqsima 2 ta' dan ir-Regolament ifisser li l-korazzar tal-vettura tas-CIT huwa kapaċi li jiflaħ tiri minn arma tan-nar tat-tip Kalashnikov b'kalibru ta' 7,62 mm × 39 mm bl-użu ta' balla tal-ħadid miksija (banjata) kollha kemm hi f'qoxra tal-azzar b'massa ta' 7,97 g (+/– 0,1 g) b'veloċità ta' mill-anqas 700 m/s minn distanza ta' 10 m (+/– 0,5 m).

ANNESS VI

REKWIŻITI MINIMI TAT-TAĦRIĠ INIZJALI GĦALL-PERSUNAL TAS-SIGURTÀ TAS-CIT LI JWETTAQ TRASPORT TRANSKONFINALI TA' FLUS KONTANTI

Il-ħaddiema tas-CIT li jieħdu sehem fit-trasport transkonfinali professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro jridu:

(1) isegwu b'mod sħiħ u jtemmu mill-inqas it-taħriġ inizjali xieraq kif previst mir-regolamenti nazzjonali ta' referenza tagħhom u/jew il-ftehimiet kollettivi tax-xogħol rilevanti jew, – fin-nuqqas ta' dawn, – il-korsijiet ta' taħriġ tal-assoċjazzjoni nazzjonali tas-CIT/sigurtà jew interni tal-kumpanija;

(2) jgħaddu b'suċċess mill-eżamijiet ta' wara dan it-taħriġ inizjali jew kwalunkwe proċedura mmirata lejn l-ittestjar tar-riżultati tat-tagħlim;

(3) isegwu b'mod sħiħ u jtemmu l-modulu tat-taħriġ addizzjonali u obbligatorju kif previst f'dan l-Anness li jikkonsisti f'tal-anqas:

— proċeduri transkonfinali tas-CIT

— liġi tal-Unjoni dwar is-CIT

— liġi nazzjonali applikabbli li tkopri s-CIT tal-Istat Membru ta' transitu u tal-Istati Membri ospitanti

— regoli tas-sewqan għas-CIT tal-Istati Membri ta' transitu u tal-Istati Membri ospitanti (inkluż id-dritt ta' vetturi tas-CIT li jużaw karreġġjati speċifiċi għas-sewqan)

— protokolli tas-sigurtà nazzjonali fil-każ ta' attakk fl-Istati Membri ta' transitu u l-Istati Membri ospitanti

— proċeduri tal-organizzazzjoni u t-tħaddim tat-trasport tas-CIT protett mit-teknoloġija tal-IBNS tal-Istati Membri ta' transitu u tal-Istati Membri ospitanti

— protokolli, regoli u regolamenti operattivi nazzjonali applikabbli tal-Istati Membri ta' transitu u tal-Istati Membri ospitanti

— Ppotokolli nazzjonali fil-każ ta' emerġenza tal-Istati Membri ta' transitu u tal-Istati Membri ospitantifil-każ ta' waqfien, aċċidenti tat-triq, u ħsara teknika u mekkanika fi kwalunkwe tagħmir tas-CIT jew tal-vettura

— proċeduri amministrattivi nazzjonali u regoli tal-kumpanija fl-Istati Membri ta' transitu u l-Istati Membri ospitantirigward il-komunikazzjoni mal-punt tal-kontroll eċċ. tal-Istati Membri kollha li jintużaw bħala transitu u tal-Istati Membri ospitanti kollha

— informazzjoni u taħriġ rigward il-kooperazzjoni u l-protokolli xierqa mal-forzi tal-pulizija nazzjonali, reġjonali u lokali fir-rigward ta' kontrolli mwettqa fuq il-vetturi u l-persunal tas-sigurtà tas-CIT

— liġi nazzjonali u dik tal-Unjoni applikabbli u/jew ftehimiet kollettivi applikabbli rigward il-ħin tax-xogħol, in-numru ta' waqfiet meħtieġa għall-mistrieħ, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, il-pagi applikabbli

— liġi nazzjonali u dik tal-Unjoni applikabbli u/jew stipulazzjonijiet ta' ftehimiet kollettivi applikabbli rigward il-perijodi tal-mistrieħ tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT – meta meħtieġa, kemm spissi, it-tul tal-ħin ta' kull perijodu ta' mistrieħ, post sikur, komunikazzjoni maċ-ċentri ta' kontroll, eċċ

— regoli tas-sigurtà applikabbli għall-kunsinni/ġabriet (post sikur, ġestjoni tar-riskju fuq il-bankina eċċ.)

— liġi nazzjonali ta' referenza rigward l-użu tal-armi u l-ħżin tagħhom

— metodi ta' sewqan offensiv u difensiv

— taħriġ rilevanti dwar l-użu tal-GPS, it-telefown u tagħmir/sistemi tekniċi oħra użati fit-trasport transkonfinali tas-CIT

— regolamentazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà nazzjonali fl-Istati Membri ta' tansitu u l-Istati Membri fejn jingħata s-servizz rilevanti għall-ħaddiema li jittrasportaw oġġetti prezzjużi u li jivvjaġġaw b'vetturi kbar bit-triq u protokolli fil-każ ta' korriment jew mard tal-impjegati

— taħriġ fl-ewwel għajnuna

Barra minn hekk, it-taħriġ irid jinkludi l-punti li ġejjin:

— miżuri ta' prevenzjoni u ta' rimedju fl-oqsma tal-ġestjoni tal-istress u l-vjolenza minn parti terza

— valutazzjoni tar-riskji fuq il-post tax-xogħol.

— taħriġ fil-lingwi kif ikun meħtieġ biex jitwettqu r-rekwiżiti tal-lingwa stipulati fl-Artikolu 5(2)

ANNESS VII

QAFAS EWROPEW TA' REFERENZA KOMUNI TAL-KUNSILL TAL-EWROPA GĦAL-LINGWI: LIVELLI

Utent B1: Kapaċi jifhem il-punti ewlenin ta' input standard ċar dwar affarijiet familjari li regolarment jiltaqa' magħhom fuq ix-xogħol, fl-iskola, fil-ħin liberu, eċċ. Kapaċi jiġġestixxi l-maġġoranza tas-sitwazzjonijiet li jistgħu jfiġġu waqt li jivjaġġa f'żona fejn tkun mitkellma l-lingwa. Kapaċi jipproduċi test sempliċi kontinwu dwar suġġetti li huma familjari jew ta' interess personali. Kapaċi jiddeskrivi esperjenzi u avvenimenti, ħolm, tamiet u ambizzjonijiet u fil-qosor jagħti raġunijiet u spjegazzjonijiet dwar opinjonijiet u pjanijiet.

Utent A1: Kapaċi jifhem u juża espressjonijiet familjari ta' kuljum u frażijiet bażiċi ħafna mmirati lejn is-sodisfazzjon ta' ħtiġijiet ta' natura konkreta. Kapaċi jintroduċi ruħu u lill-oħrajn u jistaqsi u jwieġeb mistoqsijiet dwar dettalji personali bħal fejn joqgħod, in-nies li jaf u affarijiet li għandu. Kapaċi jieħu sehem b'mod sempliċi f'interazzjoni dment li l-persuna l-oħra titkellem bil-mod u b'mod ċar u tkun lesta li tgħin.